**MALTA**

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA
# (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti)

# MAGISTRAT DR. IAN FARRUGIA

**Estradizzjoni Numru. 465/2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mark Galea)**

**Vs.**

**Roland Istvan Gabor**

**Illum, 27 ta' Lulju 2018**

**IL-QORTI**;

Wara li rat li l-Pulizija ressqu b'arrest lil **Roland Istivan Gabor** detentur tal-karta tal-identita' Ungeriza numru 868164TA u dokument ta' residenza Maltija numru MT0650401, aktar il-quddiem imsejjah l-estradant;

Wara li rat l-allert taht is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Shengen ghall-finijiet ta' estradizzjoni datat 30 ta' Novembru 2017, kif wkoll iz-zewg Mandati ta' Arrest Ewropej mahrugin mill-Imhallef Dr Maria Diosdi tal-Qorti Distrettwali ta' Pecs datat 27 ta' Dicembru 2017 u mill-Imhallef Investigattiv Dr Pal Csordas tal-Qorti Distrettwali ta' Baja datat 15 ta' Jannar 2018 u c-certifikati ta' l-Avukat Generali datati 26 ta' Lulju 2018 mahrugin a tenur ta' l-Artikoli 6A u 7 tal-Ligi Sussidjarija 276.05 (l-Ordni dwar Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 tal-2004);

Wara li ai termini tal-artikolu 11 tal-Ordni, gie spjegat lilll-estradant l-import tal-Artikolu 43 tal-Ordni, u gie assigurat li d-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu gew osservati u mifhuma mill-estradant.

Wara li semghet lill-estradant jiddikjara li qed jaghti l-kunsens tieghu sabiex jintbaghat lura l-Ungerija u li mhux qed jirrununzja ghad-dritt ta' specjalita' koncess ai termini tal-Artkolu 18 tal-Ordni fuq imsemmi, u cioe' li t-treggieh lura tieghu qed isir esklussivament u limitatament in konnessjoni mar-reati addebitati;

Wara li rat l-Artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta' Malta, kif rez applikabbli bl-artikolu 44 tal-Ordni;

Tordna li ai termini tal-Artikolu 45 tal-Ordni dwar il-Pajjizi Barranin Appuntati dwar l-Estradizzjoni, Avviz Legali 320 tal-2004 (Ligi Sussidjarja 276.05), l-estradant ghandu jinzamm taht arrest sabiex jitregga' lura lejn l-Ungerija fi zmien ghaxart ijiem millum.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur